**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Droga 150/99***

***Pulizija***
***Sp. Norbert Ciappara***
***vs***
***Christopher Azzopardi***

Illum 24 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Christopher Azzopardi huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali (semplici)** tad-dorga eroina u Kokaina, kif ukoll **Traffikar** tal-istess droga– *referibbilment ghat-24 ta' Awissu 99 u fl-ahhar sitt xhur qabel din id-data*.

***Kwadru tal-fatti***

Illi l-process odjern origina minn informazzjoni li kienet irceviet il-pulizija fl-24 ta' Awissu 99 ghal habta tat-8.10 pm. u li kienet fis-sens li persuna kienet marret titlob ghajnuna f' restaurant li hemm fl-inhawi tal-Buskett ghaliex kien hemm ragel f' post mgharuf bhala l-Bosk li kien hassu hazin u x'aktarx kien that l-effett tad-droga. Minn indagini li ghamlet il-pulizija rrizulta li l-persuna li talbet l-ghajnuna kien l-imputat Christopher Azzopardi. Dan gie arrestat u mitlub jghati spjegazzjoni dana, inizjalment ta versjoni inveritiera lill-pulizija, izda minn aktar investigazzjoni, u fuq

indikazzjoni tal-istess imputat – wara li kien zvija lill-pulizija bil-menzonji tieghu – il-pulizija finalment irnexxielha ssib lir-ragel li kien hassu hazin. Dan kien Paul Borg, u nstab mill-pulizija mal-art bir-rawha f' halqu fi ftit nifs. Ssejhet l-ambulanza u dan Paul Borg ittiehed l-Isptar fejn gie ikkurat u eventwalment dana rega' ha sahhtu.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. L-imputat u l-imsemmi Paul Borg u zaghzugh iehor kienu fethemu flimkien sabiex jabbuzaw bil-konsum mid-droga eroina u kokajina. L-imputat offra li jmur jixtri d-droga hu ghan-nom taghhom, l-ohrajn accettaw u tawh s-sehem taghhom tal-flus. Kien mifthiehem ukoll li dawn it-tnejn l-ohra kellhom jakkwistaw is-siringi u oggetti ohra bhal l-ilma, bott u citric acid, sabiex tkun tigi kkonsumata d-droga. Fil-fatt hekk sar.

Illi sussegwentement dawn it-tlett zaghzagh marru f' post mgharuf bhala l-Bosk u hemmhekk l-imputat hareg id-droga li kien xtara, l-ohrajn hargu l-oggetti li akkwistaw u l-imsemmi Paul Borg beda jsajjar id-droga. L-ewwel sajjar u jipprepara l-kokaina u t-tlieta li huma hadu sehemhom permezz tas-siringi, u sussegwentement l-istess Paul Borg sajjar u pprepara l-eroina. Kien f' dan l-istadju li Paul Borg hassu hazin u waqa mal-art.

Kif l-imputat u z-zaghzugh l-iehor raw hekk, dawna kkonfondew u ddecidew li z-zaghzugh l-iehor kellu jibqa ma' Paul Borg, mentri l-imputat kellu jmur jsib l-ghajnuna. Fil-fatt dana ddobba lift u mar go restaurant li hemm fl-inhawi u gab il-melh. Rega' mar lura fuq il-post u hemm it-tnejn li huma injettaw lill Paul Borg bil-melh sakemm dana, skond l-imputat, qam fuq saqajh, gie f' tieghu. Imbaghad l-imputat telaq l'hemm, sakemm eventwalment gie arrestat mill-Pulizija.

Inizjalment dana lill-pulizija tahom versjoni li ma tikkorrispondix mal-verita' tal-fatti. Di fatti hadhom f' diversi postijiet b' tentattiv inutili li jsibu lill-imsemmi Paul Borg; izda meta l-imputat ra li lill dana ma setghu isibuh imkien, u wara l-A.K. Michael Cassar avzah dwar x' konsegwenzi jistghu javverw ruhhom jekk Paul Borg imut, l-imputat iddecieda li jindikalhom il-post fejn kienu abbuzaw mid-droga. Fil-fatt Paul Borg instab f' dak il-post.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Il-Qorti tosserva li mill-kwadru premess jikkonfigura ampjament ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tad-droga eroina u kokaina.

Illi rigward l-ewwel akkuza, mfassla fis-segwenti termini *"forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura"* il-Qorti tikkonsidera opportun li tghamel referenza ghas-sentenza tal-Onor.Qorti tal-Appell fl-ismijiet *Ir-Pulizija v Josette Grech* osservat hekk: *"Meta wiehed jikseb jew jakkwista d-droga eroina sabiex eventwalment jghaddiha lill haddiehor, ghalkemm l-att ta' "ipprokurar" jista' ma jaqax fid-defenizjoni ta' traffikar, skond l-artikolu 22(1B) Kap.101, l-att ta' pussses ikun suggett ghall-istess piena ta' traffikar,* ***galadarba dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklusiv tal-pussessur****"(emfasi ta' din il-Qorti)(Vol.LXXX.1996 pg.239.).*

L-istess insenjament jinsab kontenut fis-sentenza *Ir-Repubblika ta' Malta v Joseph Farrugia* fejn fuq kaz simili, dik l- Qorti Kriminali obiter osservat hekk: *" Ghalkemm Farrugia ammetta l-akkuza li biejgh l-Ecstasy, din il-Qorti, aktar mill-kaz ta' bejgh, tara li dan kien kaz ta'* <u>*pussess ta' din id-droga, liema pussess ma kienx ghall-uzu esklusiv tal-pussessur*</u> *(l-imputat Farrugia), u dana peress li l-imsemmi Farrugia, bil-flus li tawh shabu ... xtara l-pilloli u in segwitu qassamhom lil min kien talbu jixtrihom …………il-hati (Farrugia) stess ha wkoll minn dawn il-pilloli" (14/2000 mghotija fit-28 ta' Mejju 2001).*

Illi fil-kuntest tal-principji guridici fuq esposti u konformament mal-istess, din il-Qorti tosserva li l-azzjoni tal-imputat li akkwista u pprokura d-droga ghalih innifsu u ghal shabu tidhol fit-termini tal-akkuza odjerna, u cioe' li l-imputat ipprokura d-droga. Ghaldaqstant din l-akkuza tissussisti.

***Piena***

Illi in propositu ghal piena l-Qorti ikkonsidrat is-segwenti fatturi mitiganti:

1. Il-**fedina penali** netta tal-imputat;

2. L-**eta' zghira** tieghu (18 il-sena);

3. Il-fatt li l-ipprokurar ma kienx ghal skop lucrativ;

4. L-**informazzjoni** li ta lill-pulizija dwar minn fejn gab id-droga;

5. Ir-**rapport favorevoli ta' l-ufficjali tas-Sedqa** dwar il-progress li ghamel l-imputat.

Illi kif osserva ben tajjeb l-Avukat difensur Dr.Edward Gatt din kienet avventura li dahhlu ghaliha tlett zaghzagh u li setghet kellha konsegwenza fatali. Mill-provi rrizulta li f' dak iz-zmien l-imputat kien ghaddej minn zmien difficli hafna minhabba d-dipendenza tieghu fuq id-droga u, il-Qorti thoss opportun li terga' tirribadixxi, li **l-azzjoni kriminuza kommessa mill-imputat ma kellhiex skop lucrativ.** Inoltre, huwa minnu li l-imputat pprokura d-droga, pero' z-zewg zaghazagh l-ohra pprokuraw l-oggetti sabiex din tkun tista' tigi kkonsumata.

Fil-kuntest ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tapplika l-piena fil-minimu taghha, u tirrakkomanda sabiex matul il-perijodu karcerarju l-imputat jithalla jkompli l-programm mas-Sedqa.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u, wara li rat r-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39, u l-Artikoli 22(2)(B)(I)(ii) u 29 tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' ***xahar prigunerija u multa ta' mitejn lira maltin (LM200)***.

***DR.Noel Cuschieri***

***Magistrat***